MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 533/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jimale Hassan Abdullahi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jimale Hassan Abullahi talli:

(1) gewwa l-Marsa nhar-is 26 ta' Jannar 2010 ikkommetta serq ta' somma flus u *mobile phone* ta' l-ghamla Nokia, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li jeccedi €232.94 izda li ma jeccedix €2,329.37, u dan sar ghad-detriment ta' Samuel Baldacchino persuna ta' 62 sena;

(2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Samuel Baldacchino u cioe` kkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Samuel Baldacchino skond kif iccertifikat Dott. Melissa Borg Cauchi MD mill-Floriana *Health Centre*;

(3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Samuel Baldacchino u dan kontra l-volonta` ta' l-istess persuna;

(4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu;

(5) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-1 ta' Dicembru 2010 li biha, wara li rat l-artikoli 23, 31, 86 u 87(1)(c)(e), 214, 217, 221(2), 222A(1), 261(a)(c)(f)(g), 261(a)(b)(2), 267, 270, 271(g), 274(c), 276A, 277(a), 279(a), 280(2)(3) u 281, 533 tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 6, 51(7) 55, 56, 57, 60 u 61 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Jimale Hassan Abdullahi hati ta' l-imputazzjonijiet kollha salv u b'eccezzjoni ghall-imputazzjoni ta' sekwestru ta' persuna bl-aggravji taghha minn liema imputazzjoni lliberatu, u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' tmintax-il xahar. Ordnat wkoll li l-istess Jimale Hassan Abdullahi ma jinghatax licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija taht l-Ordinanza tal-Armi [***recte:*** l-Att dwar l-Armi] (Kap 480) ghall-perijodu ta' hames (5) snin mid-data tas-sentenza appellata. Ma ordnatx lill-imsemmi Jimale Hassan Abdullahi jhallas spejjez a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress li ma gewx inkorsi spejjez;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Jimale Hassan Abdullahi pprezentat fl-14 ta' Dicembru 2010, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati, tirriformaha dwar is-serq aggravat bil-valur, tirriformaha dwar l-akkuzi teleskopici dwar pussess ta' arma u finalment tibdilha dwar il-piena billi minflok il-piena nflitta, taghti wahda li taghmel aktar ghall-kaz inkluzi provedimenti li solitament jinghataw lil min ikun ta' eta` zghira, jikkoopera mal-Pulizija u jkollu fedina penali netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-vittma Samuel Baldacchino mhuwiex kredibbli meta jghid li kellu hafna flus fuqu biex imur jixtri, meta fil-hin tad-9.00 p.m. il-hwienet li huwa semma ma jkunux miftuhin. L-appellant dejjem sostna li l-ammont li kien ha kien ta' €200. Dwar il-*mobile*, il-kalkolu li ghamlet l-ewwel Qorti kien fuq wiehed gdid mentri huwa maghruf illi l-valur ta' *mobile* jiddeprezza malajr; (2) li hemm akkuzi dwar l-arma li huma komprizi u nvoluti. Barra minn hekk mhuwiex assodat illi meta l-appellant attakka lil Samuel Baldacchino kellu fuqu arma. Effettivament l-arma kienet ta' l-istess Samuel Baldacchino; (3) li l-appellant kellu fedina penali netta u ma nghatax sentenza sospiza bhalma kien jigri kieku kien Malti. Huwa koopera immedjatament mal-Pulizija, izda ma nghatax trattament konsonu ma' min ghandu fedina penali netta.

Issa, filwaqt li l-appellant mhuwiex qieghed jikkontesta l-fatt li seraq lil Samuel Baldacchino, qieghed jikkontesta kemm l-ammont ta' flus kif ukoll il-valur tal-*mobile*.

Dwar l-ammont l-appellant jghid li dan kien ta' €200 filwaqt illi d-derubat jghid li kien ta' €600. L-appellant jghid li Baldacchino mhuwiex kredibbli ghax dawn il-flus suppost kienu biex jixtri l-gwiez u fil-hin li mar il-Marsa l-hwienet ikunu maghluqin. Huwa jibbaza ruhu fuq dak li xehed Ryan Borg li meta Baldacchino kien il-hanut tieghu kien tkellem mieghu u dan Baldacchino qallu li dakinhar hu kellu jmur jixtri ghand tal-gwiez pero` kien sabu maghluq. Mill-banda l-ohra Samuel Baldacchino xehed illi dakinhar huwa kien mar jahrat l-ghalqa u kellu l-flus fuqu ghax kien bi hsiebu jmur jixtri s-sulfat u l-qamh. Pero` kien iddecieda li jibqa' jahrat. Fix-xiehda tieghu ma jghidx li mar jara jekk tal-gwiez kienx miftuh, izda anke jekk stess ma marx, dan ifisser li m'ghamilx hekk ghax kien jaf li kien tard wisq biex isibu miftuh. Jigifieri l-kontradizzjoni li jissenjala l-appellant hi biss kontradizzjoni apparenti. Ghalhekk m'hemm xejn inverosimili f'dak li jghid id-derubat.

Dwar il-valur tal-*mobile*, l-appellant jikkontendi li l-valur intrinsiku tieghu kien zghir peress illi ma kienx gdid u kien jintuza minn persuna li tahdem fir-raba'. L-ewwelnett mill-atti jirrizulta li l-*mobile* kien inghata lil Samuel Baldacchino mill-GO meta ffirma kuntratt (ara Dok. ABG1 a fol. 54) maghhom fit-30 ta' April 2009. Jigifieri meta l-appellant seraq il-*mobile* minghand Baldacchino fis-26 ta' Jannar 2010, dan kien ilu ghand Baldachino ftit anqas minn disa' xhur. Anthony Baldacchino, in rapprezentanza tal-GO, xehed illi fuq l-istess kuntratt il-*mobile* nghata valur ta' €100. Din il-Qorti hi tal-fehma li difficilment jista' jigi konkluz li f'anqas minn disa' xhur il-valur ta' dan il-*mobile* kien nizel aktar min-nofs. Fi kwalunkwe kaz, kien x'kien il-valur tal-*mobile*, il-kwalifika tal-valur fl-ewwel imputazzjoni – in vista ta' dak li ntqal fil-paragrafu precedenti – tirrizulta. Izda anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument biss, kellu jigi accettat li l-ammont ta' flus misruq kien ta' €200, din il-Qorti hi tal-fehma li l-valur tal-*mobile* zgur kien jissupera tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94). Konsegwentement il-kwalifika tal-valur xorta jirrizulta.

Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellant jghid li mhuwiex assodat li meta l-appellant attakka lil Baldacchino, hu (l-appellant) kellu arma fuqu. Inoltre jghid li l-arma kienet ta'

Samuel Baldacchino. L-ewwelnett huwa l-appellant stess li fl-istqarrija tieghu jammetti li pponta sikkina lejn Samuel Baldacchino u qallu biex itieh il-kartiera. Imbaghad fl-istqarrija jghid li meta dahal fil-karozza fetah il-bieba tal-kexxun ta' quddiem, sab sikkina, hadha f'idu u ppuntaha lejn Baldacchino. Apparti li din il-verzjoni tikkontrasta ma' dak li xehed Samuel Baldacchino, mhuwiex verosimili li l-appellant – li kien sar jaf lil Baldacchino ftit hin biss qabel fil-hanut ta' Ryan Borg – joqghod jiftah il-bieba tal-kexxun, kumbinazzjoni isib sikkina u forsi dak il-hin tigieh l-ideja li jifferma lil Baldacchino biha. Tant hu hekk li meta Ryan Borg xehed, qal li dakinhar stess kien assista ghal glieda bl-imwies fit-triq bejn l-appellant u haddiehor u kien ra lill-appellant johrog mus ghall-iehor. Jigifieri hawn ukoll l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi li Samuel Baldacchino kien aktar kredibbli meta spjega kif l-appellant f'daqqa wahda hareg mus ghalih u ppuntah lejh u qallu jtieh il-kartiera.

L-appellant jilmenta li ma giex trattat bhalma kien jigi trattat Malti b'fedina penali netta. L-ewwelnett l-appellant m'ghandux fedina penali netta ghax mill-fedina penali aggornata esebita jirrizulta, almenu *prima facie*, li diga` gie kkundannat f'okkazjoni ohra dwar diversi reati kontra membri tal-Korp tal-Pulizija. Imbaghad hawn si tratta ta' uzu ta' arma li biha anke wegga' lid-derubat.

Issa, il-piena dwar l-ewwel imputazzjoni hi mahduma hekk: skond l-artikolu 274 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hati ta' serq li jsir flimkien ma' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna hi ta' prigunerija minn sentejn sa hames snin. Peress illi l-vjolenza kienet diretta lejn persuna li ghalqet is-sittin sena, il-piena ghandha tizdied bi grad – ghal tliet snin sa sitt snin – jew zewg gradi – ghal erba' snin sa disa' snin (art. 276A). Imbaghad ghax akkumpanjata minn kwalifiki ohra, il-piena ma tinghatax fil-*minimum* (art. 277(a)). Minn dan biss jidher ghalhekk li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi *taht* il-*minimum*. Irid jigi osservat illi anke kieku ma rrizultatx il-kwalifika tal-valur, il-piena nflitta xorta tirrizulta taht il-*minimum*. Konsegwentement kull konsiderazzjoni ulterjuri tkun irrilevanti.

Imbaghad hawn si trattava ta’ serq bl-uzu ta’ arma li biha gie ferut il-vittma. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tvarja d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li tikkundanna lill-appellant ghal piena effettiva ta’ prigunerija. Bhalma qalet din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Noel Mizzi** deciza fil-15 ta’ Dicembru 2005: **“il-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta’ prigunerija b’effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi. Mhuwiex inoltre tollerabbli li f’socjeta` civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi - hi x’inhi r-raguni ....”**

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b’dan li l-perijodu biex ma jinghatax licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija skond il-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------